# L-GĦOTI TAL-*GEORGE CROSS* LILL-POPLU MALTI

Minn Membru

Ħamsin sena ilu l-poplu Malti ngħata l-akbar ċertifikat ta' kemm hu poplu qalbieni. Dan il-ġieħ — il-*George Cross* — tahulu r-Re Ġorġ VI ta' l-Ingilterra bħala turija tal-qlubija li wera matul l-aħħar gwerra.

F'dawk iż-żminijiet koroh, meta kollox deher mitluf għal missirijietna, b'kuraġġ li għaġġeb lid-dinja, irreżista b'sabar u finalment ta sehmu fir-rebħa ta' l-allejati.

Dakinjar li tħabbar li pajjiżna ngħata dan l-unur, jiġifieri fil-15 ta' April, 1942 il-gwerra kienet ilha li faqqgħet fostna sentejn. L-ewwel attakk mill-ajru seħħ fis-6.55am tal-11 ta' Ġunju, 1940 meta ġew rappurtati l-ewwel imwiet. Aktar ma għadda ż-żmien il-tbatija kibret, kiber l-għaks, bumbardamenti u mwiet. Iġġarrfu bosta djar. L-istess xorti messet lit-teatru rjal, xi bereġ tal-kavallieri u l-qorti. Il-vapuri bl-ikel u l-munizzjon ġew attakkati u mgħarrqa mill-Ġermaniżi. Iżda l-kuraġġ li wrew l-irġiel, in-nisa u t-tfal Maltin kien xi ħaġa ta' l-għaġeb.

Għajnejn id-dinja kienu mixħutin fuq art twelidna. Kulħadd kien jaf li jekk Malta ċċedi jintilef il-kontroll tal-Mediterran u ta' l-Afrika ta' Fuq b'konsegwenzi mill-aktar koroh. Bħala għarfien tal-qlubija li wrew niesna f'dawk iż-żminijiet diffiċli, r-Re Ġorġ VI, f'April ta' ħamsin sena ilu, tahom il-*George Cross*. F'ittra mibgħuta mis-Segretarju għall-Kolonji lill-Gvernatur Ingliż f'pajjiżna, il-Ġeneral William Dobbie, insibu dan il-messaġġ mill-Palazz ta' Buckingham iffirmat mir-Re:

> *"Biex nagħmel ġieh lill-poplu qalbieni tagħha jiena nagħti l-George Cross lill-Gżira fortizza ta' Malta biex ikun xhieda ta' erojiżmu u sedqa li jibqgħu famużi fl-istorja għal żmien twil".*

Iżda minħabba t-tħarbit li ġġib magħha l-gwerra u minħabba l-attakki mill-ajru li ma qatgħu xejn, kellhom igħaddu ħames xhur minn dik id-data storika qabel ma d-dekorazzjoni tal-*George Cross* setgħet tingħata lill-poplu Malti uffiċjalment. F'ċerimonja pubblika f'Misraħ il-Palazz, il-Belt, fit-13 ta' Settembru, 1942 il-gvernatur il-ġdid Lord Gort, f'isem il-Maestà Tiegħu ir-Re Ġorġ VI, ippreżenta l-ġieħ lill-Prim Imħallef Sir George Borg li kien qed jirrappreżenta lill-poplu malti. Bħala tifkira ta' din il-ġrajja mal-faċċata tal-Palazz tal-President twaħħlet irħama ta' tifkira b'riproduzzjoni ta' l-ittra mibgħuta mir-re.

Id-dekorazzjoni li ngħatatilna, jiġifieri s-salib tal-fidda magħruf bħala l-*George Cross* tinsab għall-wiri fil-Mużew tal-Gwerra f'Sant Iermu.

Id-dekorazzjoni tikkonsisti f'salib lixx tal-fidda bl-erbat itruf ilkoll indaqs,



*Il-*GEORGE CROSS *mogħti lil Malta*



*Iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-George Cross lil Malta fit-13 ta' Settembru, 1942*

fil-waqt li fin-nofs insibu midaljun tond b'disinn li jirrapreżenta lil San Ġorg fuq iż-żiemel. Mad-dawra hemm il-kliem *"For Gallantry"* jiġifieri "għall-qlubija". L-ittri GVI insibuhom f'kull rokna tas-salib biex jiffurmaw ċirku mad-dawra. Is-salib, li fuq wara nsibu isem ta' min ikun ħa d-dekorazzjoni u d-data, hu mdendel b'ħolqa minn virġa ddisinjata b'weraq tar-rand.

Din id-dekorazzjoni ntweriet f'ħafna bliet u rħula u waslet Ħal Luqa fis-26 ta' Settembru 1942, u bħal f'postijiet oħra saret ċerimonja għall-okkażjoni. Kien is-Sibt, il-Kummissarju tal-Pulizija, Kissaun, wassal id-dekorazzjoni għand il-Kappillan Debono fejn sab jistennewh il-mistednin welenin. Mid-dar tal-kappillan il-*George Cross* ittieħed għal fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn kellha ssir iċ-ċerimonja. Mal-faċċata tal-knisja parrokkjali ddendlet il-bandiera Maltija. Iż-żewġ każini tal-banda ħarġu l-istendardi tagħhom. Is-suldati tal-RMA u ta' l-RAF u l-voluntieri tal-*Home Guards* ta' Ħal Luqa ħadu posthom fil-misraħ.

Meta kulħadd ħa postu l-Kappillan Debono għamel diskors. Wara ndaqq l-Innu Malti u l-*God Save the King* mill-banda tal-*Lancashire Fusiliers*. In-nies ta' Ħal Luqa, li ġarrbu forsi aktar minn nies ta' kull taqsima oħra ta' Malta jaraw lil *George Cross* li għalih għamlu sehem tassew kbir.

L-aħbar tal-qlubija murija mill-Maltin taħt attakki kontinwi ta' l-għadu mxterdet bħal leħħa ta' berqa ma' l-erbat irkejjen tal-globu. Ir-Re Ġorġ VI nnifsu żar Malta fl-20 ta' Ġunju ta' l-1943. Dak in-nhar, il-Banda Sant'Andrija kellha l-unur tkun l-aħħar banda Maltija li ssellem lir-Re Ġorġ VI billi daqqet il-*God Save*. Il-Banda kienet tistenna lir-Re f'egħluq iż-żjara tiegħu f'tarf Ħal Luqa, ħdejn l-ajruport, wara li kienet għamlet marċ mat-toroq tar-raħal. Dan kien possibbli wara li l-istrumenti li kienu ġarrbu xi ħsarat meta ġġarraf il-każin fl-1941, kienu ġew irranġati mis-Sur Ninu Cremona u mis-Sur Ġużeppi Zammit.

Il-Prim Ministru Ingliż Sir Winston Churchill wasal fostna għal żjara ta' tlitt ijiem f'Novembru ta' l-istess sena. Żjara oħra importanti fit-8 ta' Diċembru ta' l-1943 kienet tal-President Amerikan Franklin D. Roosevelt li ppreżenta kitba li tfaħħar il-qlubija ta' niesna.

Malta hi l-uniku pajjiż li ngħata din id-dekorazzjoni li twaqqfet fl-1940. Sa ftit tas-snin ilu wara l-isem ta' pajjiżna konna nsibu l-inizjali G.C., jiġifieri *George Cross* minħabba li l-qlubija ta' niesna saret magħrufa ma' l-erbat irkejjen tad-dinja. Qabel l-Indipendenza fir-rokna ta' fuq tal-bandiera Maltija konna nsibu rappreżentazzjoni ta' dan l-unur fuq sfond ikħal. Il-lum il-kaxxa blù madwar il-*George Cross* tneħħiet u nsibu faxx irqiq aħmar mad-dawra tiegħu. Rappreżentazzjoni tiegħu nsibuha wkoll fuq l-arma tar-Repubblika ta' Malta u fuq l-emlema fil-bandiera tal-President.

---

Riferenzi:

Artiklu li deher fin-*Nazzjon Tagħna*, 13/4/92, ta' A. Ellul Galea
*Raħal fi Gwerra*, J. Micallef
*L-ewwel Mitt Sena ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija*